MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 39

21 ta' Ġunju 2022

Minuti tas-seduta Nru. 39 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 21 ta' Ġunju 2022 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament, minbarra s-Sindku D. Vella li kien indispost Għaldaqstant, il-Viċi-Sindku J. Buttigieg ippresjieda s-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mill-Viċi Sindku J. Buttigieg.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 3.2.2. **(Ref: K/6/3/Vol III)** tas-seduta ta' qabel u talbet li din tinqara kif ġej:

> *"3.2.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għal diskussjoni li kien hemm xi xhur qabel dwar is-suġġett imsemmi. Hija staqsiet dwar jekk kienx hemm progress dwar dan. Aċċennat ukoll li dawn it-tip ta' inizjattivi huma eliġibbli għal finanzjament taħt d-Development Planning Fund amministrat mill-Awtorità tal-Ippjanar. Il-Kunsillieri A. Brncat Stellini, M.Abela u G. Micallef qablu mal-proposta."*.

1.3. Il-minuti tas-Seduta Nru. 38, li saret fl-24 ta' Mejju 2022, ġew approvati bl-emenda t'hawn fuq. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt)

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Tneħħija ta' pjattaforma f'Misraħ il-Parroċċa b'rabta mal-Festa tal-Vitorja (T/4/10/Vol II)

2.1.2. Kien hemm aċċenn għall-minuta 5.7.1. tas-seduta pre ċedenti u l-Kunsill ġie nfurmat li saret rappreżentazzjoni mal-Awtorità tal-Artijiet dwar l-istruttura msemmija, li minn naħa tagħhom wieġbu li t-talba tal-Kunsill ġiet mgħoddija lit-Taqsima tal-Infurzar sabiex jinnofikaw lill-

operatur konċernat sabiex iżarmaha sat-23 ta' Awwissu 2022. Dan biex tagħmel wisa' għall-armar tal-festa u attivitajiet li tradizzjonalment jsiru f'dik parti tal-misraħ.

2.1.3. Is-Sur J. Buttigieg qal li fl-14 ta' Ġunju 2022 issejħet laqgħa li attendew għaliha l-Arċipriet J. Caruana u rappreżentanti mill-entitajiet involuti fl-organizzazzjoni tal-Festa tal-Vitorja. Fl-istess laqgħa ġie miftiehem li kull parti kellha tindika d-data/i u l-postijiet meħtieġa sabiex b'rabta mal-attivitajiet rispettivi. Dawn intlabu jirrispondu sas-27 ta' Ġunju 2022.

2.1.4. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li l-istabbilimenti kollha li jinsabu f'Misraħ il-Parroċċa li għandhom imwejjed u siġġijiet fuq barra huma obbligati jneħħuhom f'okkażjonijiet speċjali. Minn naħa l-oħra ġie osservat li l-ebda wieħed mit-tnejn li jifdal ma xekkel l-attivitajiet u l-armar tal-festa. Għaldaqstant kien hemm qbil li għandu jsir kuntatt mal-operatur tal-istabbiliment li għandu l-pjattaforma sabiex dan jiġi mgħarraf sabiex jarma l-imwejjed u siġġijiet li għandu mingħajr il-pjattaforma u hekk ikun jista' jintrama l-armar tal-festa, isiru l-attivitajiet fil-post tradizzjonali tagħhom mingħajr xkiel.

2.1.5. Il-Kunsill qabel ukoll li l-Awtorità tat-Turiżmu għandha tintalab sabiex jitneħħew imwejjed u siġġijiet li tpoġġew taħt il-konċessjoni li ngħatat waqt il-pandemija li skadiet fis-16 ta' Jannar 2022. Kemm-il darba, jiġi żgurat li dawn ikunu tneħħew, il-Kunsill jikkonsidra l-ħruġ ta' permess dwar l-estensjonijiet temporanji permessibli biss fil-jiem tal-Festa.

## 2.2.1. Installazzjoni ta' *Reverse Vending Machines* (K/6/11)

2.2.2. Saret referenza għall-minuta 5.1.1. tas-seduta ta' qabel, kif ukoll għal tweġiba mogħtija minn BCRS Ltd tal-15 ta' Ġunju 2022 fejn għarrfu li wara konsultazzjonijiet li kellhom ma' Transport Malta, ġie propost li r-*reverse vending machines* għandhom jiġu nstallati fi:

- Ġnejnet il-Kunsill, minflok fuq il-bankina fi Triq Edward Camilleri, bejn id-Dar tal-Anzjani u Ġnien il-Qigħan, minħabba raġunijiet ta' spazju;
- Fil-parti ta' ġewwa nett tal-parkeġġ tal-Armier, minflok qrib il-kantuniera ma' Triq Ramlet il-Qortin; u
- Fuq il-bankina tal-*promenade* fi Triq il-Marfa, minflok il-parkeġġ biswit l-Għassa tal-Pulizija.

2.2.3. Il-Kunsill qies il-kontro posti fuq il-bażi tal-qisien mogħtija fir-rigward tal-RVMs li jridu jiġu nstallati fuq barra. Kien hemm qbil li m'għandu jkun hemm ebda oġġezzjoni fir-rigward tal-post indikat fil-parti ta' ġewwa tal-parkeġġ fl-Armier. Il-Kunsill iżda qed joġġezzjona għat-tqegħid ta' RVM fuq il-*promenade* tal-Għadira, peress li din bla dubju tagħti dehra kerha lill-post. Minkejja l-Proġett tat-Triq il-Marfa, il-Kunsill dehrlu li għandu jsir sforz biex din il-faċilità tiġi nstallata qrib l-Għassa tal-Pulizija tal-Għadira, li huwa post ċentrali.

2.2.4. Il-Kunsill ra wkoll is-sit propost fi Ġnejnet il-Kunsill bħala totalment mhux xieraq, peress li l-RVM se jokkupa l-ftit spazju li hemm, filwaqt li tgħatti l-Monument tal-25 Anniversarju tal-Kunsill u l-plakka tal-inawgurazzjoni tal-istess ġnien. Bħala post alternattiv, il-Kunsill indika l-parkeġġ biswit Triq Ta' Fuq il-Migduma, qrib ir-*roundabout* ta' Selmun.

2.2.5. Ġie miftiehem li t-tliet siti għandhom jiġu determinati wara spezzjoni fuq il-post.

## 2.3.1. Sewqan perikoluż fi Triq Ġużè Flores (T/3/2/Vol XVI)

2.3.2. Saret referenza għal imejl datat 20 ta' Ġunju 2022, fejn resident fit-triq msemmija rrefera għall-preżenza tat-tfal kif ukoll qtates, li mhux l-ewwel darba li ntlaqtu minn vetturi.

2.3.3. Il-Kunsill osserva li l-*pedestrian crossing* bil-*builtouts* fuq kull naħa tal-bankini tagħti siġurtà biżżejjed għal min ikun fuq il-post. Minn naħa l-oħra, il-problema tal-qtates tista' tingħeleb billi jitwaħħlu żewġ tabelli li juru l-preżenza tagħhom.

### 2.4.1. Andament tal-kuntratti dwar it-tindif tat-toroq rurali (T/4/6/Vol IV)

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u qalet li s-sitwazzjoni fir-rigward tal-kuntratt dwar it-tindif tat-toroq mhux urbani għad hemm ħafna nuqqasijiet kbar, minkejja l-kuntatti li saru mal-kuntrattur konċernat. Hija qalet li s-sitwazzjoni hija tali li l-kuntratt għandu jitwaqqaf.

2.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li huwa jikkonferma l-livell ta' servizz deskritt fil-minuta 2.4.2., iżda ppropona li n-nuqqasijiet kollha għandhom jiġu rreġistrati permezz ta' *default notices* qabel issir sejħa ġdida.

2.4.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa fil-minuta 2.4.2. u 2.4.3.

### 2.5.1. Devoluzzjoni tal-Fortizza ta' Campbell (A/6/7/Vol III)

2.5.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg irrefera għall-minuta 3.5.1. tas-seduta ta' qabel u stqarr li permezz ta' talba datata 3 ta' Marzu 2011, il-Kunsill kien wera l-intenzjoni tiegħu mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li jieħu l-Fortizza ta' Campbell b'titolu ta' devoluzzjoni. Permezz ta' imejl datat 9 ta' Marzu 2011, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien ta parir lill-Kunsill sabiex jikkuntattja lis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali fid-dawl tas-sensittività ta' dan is-sit, sabiex jikkunsidraw li l-fortizza tgħaddi taħt l-Att ta' Kurazija permezz ta' *guardianship deed*, minflok b'titolu ta' devoluzzjoni. Kien ingħata parir wkoll li għandha tintalab ġwida dwar dan mit-Taqsima Proprjetà tal-Gvern.

2.5.3. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li fit-28 ta' Marzu 2012, it-Taqsima għat-Tmexxija tal-Proprjetà ġiet mitluba mill-Kunsill sabiex jinbdew il-proċeduri kollha meħtieġa bil-għan li l-Fortizza tiġi mgħoddija lill-Kunsill Lokali. It-Taqsima ġiet infurmata wkoll li fil-frattemp l-Kunsill kien ser jesplora l-possibiltà li jottejeni fondi Ewropej biex jiffinanzja r-rijabilitazzjoni tal-fortizza. Permezz ta' imejl datat 12 ta' Novembru 2012, it-Taqsima għat-Tmexxija tal-Proprjetà talbet lill-Kunsill sabiex iressaq applikazzjoni formali tramite d-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Minn dan il-punt 'il quddiem ma jidhirx li għaddiet aktar korrispondenza fuq dan is-suġġett. Is-Sur J. Buttigieg qal li t-tagħrif mogħti kien ingħata bħala tweġiba għal mistoqsija parlamentari Nru. 14338 f'Mejju 2020.

2.5.4. Il-Kunsillier G. Micallef qal li fil-korrispondenza tat-3 ta' Marzu 2011 jidher biċ-ċar li kien hemm talba għad-devoluzzjoni.

2.5.5. Il-Viċi Sindku wieġeb li applikazzjoni għal devoluzzjoni tmur 'l hinn min sempliċi imejl, għar-raġuni li din trid issir fuq il-formola preskritta u tinvolvi l-aspett finanzjarju, kif ukoll pjan dwar l-użu sussegwenti tal-beni. Is-Sur J. Buttigieg ikkummenta wkoll li proġett ta' dan il-kalibru jinvolvi miljuni ta' Ewro, illi ċertament il-Kunsill Lokali ma kellux, u allura kien prekluż milli jidħol għaliħ.

2.5.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. *Bring-in site* fil-Manikata (K/6/10/Vol III)

3.1.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar osservat li qed ikun hemm skart depożitat fejn il-*bring-in site* ta' Triq il-Mellieħa fil-Manikata. Hija staqsiet dwar jekk inħarġux avviżi ta' kontravvenzjonijiet mil-LESA.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li l-abbużi bid-depożitu ta' skart barra mid-*domes* mhuwiex wieħed allarmanti, madankollu matul ix-xahar ta' Mejju 2022 inħarġu żewġ avviżi ta' kontravvenzjoni b'multi ta'€150-il waħda.

**3.2.1. Puġġaman fil-Marfa** **(T/3/4)**

3.2.2. Il--Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċennat għall-proposta li kienet ressqet fis-Seduta Nru. 15 tat-30 ta' Ġunju 2020 dwar iċ-ċint baxx li hemm mal-ġenb tat-triq fil-Marfa. Hija fakkret li kienet ippropniet sabiex dan jogħla bil-għan li joffri aktar siġurtà għal min jiffrekwenta l-post.

3.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li ser issir talba sabiex dan ix-xogħol isir mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi minn fondi tal-Kunsill.

**3.3.1. Dġeddis ta' skart domestiku fil-kantunieri fi Triq is-Santwarju** **(K/6/1/Vol VI)**

3.3.2. Il-Kunsillier M. Abela għarraf li huwa ġie avviċinat dwar in-nuqqas imsemmi rigward in-nuqqas mill-kolletturi tal-iskart. Huwa staqsa dwar jekk dan l-ilment huwiex jiġi trattat.

3.3.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li dan in-nuqqas diġa nġieb għall-attenzjoni tal-kolletturi konċernati. Huwa qal li dan anke jiġi nkoraġġit minn xi residenti li joqgħodu 'l isfel minn Triq is-Santwarju, li jtellgħu l-boroż fil-kantunieri minflok iħalluħ wara biebhom.

**3.4.1. Installazzjoni ta' CCTV fi Triq Gorg Borg Olivier, Triq Ta' Fuq il-Miġduma, il-Park tal-Familja u Gnien Dun Anton Debono** **(C/9**

3.4.2. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa dwar jekk inbediex xi xogħol fuq l-installazzjoni tas-sistemi msemmija fi Triq Ta' Fuq il-Miġduma, fil-Park tal-Familja u fi Ġnien Dun Anton Debono. Huwa fakkar li parti mill-kuntratt kellha titwettaq matul ix-xhur tas-sajf.

3.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li, skont tagħrif li kiseb mill-kuntrattur, kien qed isir eżerċizzju biex fi Ġnien Dun Anton Debono u fil-Park tal-Familja isir użu minn infrastruttura eżistenti sabiex jgħaddu l-*cables* u jeħlu l-*cameras*. Infurmat ukoll li kien qed isiru sforzi minn naħa tal-kuntrattur sabiex isib *subcontractor* biex jwettaq ix-xogħol tat-trinek u tqegħid ta' *conduit* fil-każ ta' Triq Ġorġ Borg Olivier.

**3.5.1. Tiswijiet meħtieġa fi Triq Għajn Żejtuna u fix-Xatt ta' Santa Marija** **(D/3/1/Vol V)**

3.5.2. Il-Kunsill J. Gauci ġibed l-attenzjoni li Triq Għajn Żejtuna fil-parti tal-*S-bend*, kif ukoll ix-Xatt ta' Santa Marija fuq in-naħa tal-Imxaxa, jeħtieġ li jsiru tiswijiet fil-wiċċ tat-triq.

3.5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li saret ordni sabiex isir ix-xogħol meħtieġ.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 17/06/22;
- Skeda ta' Pagamenti – 21/05/22 – 17/06/22;
- Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* – 10/05/22 – 17/06/22;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

**5.1.1. Ħannieqa Kotba Melleħin** **(P/3/5)**

5.1.2. Saret referenza għal ittra mibgħuta mis-Sur Joseph Cachia, datata 14 ta' Mejju 2022 dwar ġabra ta' kitbiet tiegħu fuq aspetti differenti tal-Mellieħa ta' dari, li jistgħu jiġu ppubblikati bħala parti mis-sensiela Ħannieqa Kotba Melleħin.

5.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jkollu kopja tax-xogħlijiet li is-Sur Cachia talab li jippubblika.

5.2.1. **Sullokazzjoni ta' binja fil-Park tal-Majjistral** **(A/4/10)**

5.2.2. Inqrat ittra datata 6 ta' Ġunju 2022, fejn l-iżviluppaturi ta' proġett turistiku fis-sit tal-kumpless ta' Ħal Ferħ, International Hotel Investments plc, talbu sabiex il-*horse riding school* tiġi rilokata fil-binja li ġiet devoluta lill-Bord tal-Park tal-Majjistral u allokata lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

5.2.3. Il-Kunsill osserva li l-ftehim relattiv ma jippermettix sullokazzjoni għal skop kummerċjali. Kien innutat ukoll li attwalment il-binja qed tintuża proviżorjament bħala maħżen, billi l-Kunsill għandu l-intenzjoni li din tinbidel f'ċentru ta' interpretazzjoni dwar il-produzzjoni tal-melħ u l-għasel, bħala parti minn pjan ħollistiku mfassal mill-Bord tal-Park tal-Majjistral.

**5.3.1. Ipparkjar ta' gabbana fl-Armier iż-Żgħir** **(H/6)**

5.3.2. Saret referenza għal ittra datata 21 ta' Ġunju 2022 mibgħuta minn sid ta' *mobile kiosk* sabiex tinżebagħ kaxxa safra fejn kien ilu jarma sa mill-2015. L-applikant ilmenta li fl-istess post saru linji sofor mingħajr ma huwa ġie kkonsultat, minkejja li skont il-liġi huwa jista' jarma għaliex teżisti distanza biżżejjed mill-eqreb stabbiliment, kif ukoll jista' jibqa' jopera minn post fiss skont l-Artiklu 29(2) tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ (L.S. 441.07).

5.3.3. Il-Kunsill illimita l-konsiderazzjoni ta' din it-talba skont il-parametri stabbiliti fl-Artiklu 33(e) tal-Att Dwar Gvern Lokali (Kap. 363), illi jgħid li l-funzjoni tiegħu f'dan ir-rigward hija *"li tipproponi u fejn applikabbli, li tiġi konsultata minn kwalunkwe awtorità kompetenti jew aġenzija, qabel ma l-awtorità kompetenti jew aġenzija jwettqu xi tibdil fl-iskemi tat-traffiku li jkunu jaffettwaw direttament lil-lokalità"*

5.3.4. Il-Kunsill iddeċieda li jirrevedi l-pożizzjoni oriġinali tiegħu, u kien tal-fehma li ma jinħoloqx ostakolu għat-traffiku, kemm-il darba ssir *parking bay* fil-post indikat, wara li ttieħed in konsiderazzjoni:

(a) Il-wisa' tal-karreġġjata fil-post in kwistjoni;

(b) Il-fatt li l-ipparkjar kien permissibbli mal-ġenb tat-triq fuq in-naħa tal-baħar qabel saru x-xogħlijiet minn Infrastructure Malta; u

(c) Tneħħiet il-bankina man-naħa l-oħra tat-triq fejn hemm il-kmamar bħala parti mix-xogħlijiet imsemmija fil-paragrafu preċedenti,

5.3.5. Id-deċiżjoni skont il-minuta 5.3.4. ittieħdet mingħajr preġudizzju għall-*clearances* u permessi meħtieġa taħt liġijiet oħra fis-seħħ li jappartjeniu entitajiet pubbliċi oħra.

5.3.6. Il-Kunsillier E.Bartolo qal li fid-dawl tal-fatt illi l-applikant għandu *mobile kiosk*, jeħtieġ jinstab mezz biex l-kaxxa s-safra ma tiġix inkumbrata bl-ebda mod ieħor, għaliex jintilef l-iskop tagħha.

5.3.7. Inġibdet l-attenzjoni li ngħataw faċilitajiet simili fil-Bajja tal-Mixquqa u fil-Marfa, fejn iż-żona ġiet indikata biss b'bordura safra.

5.3.8. Il-Kunsill talab li r-rakkomandazzjoni skont il-minuta 5.3.4. tiġi komunikata lil Transport Malta.

**5.4.1. 25 Anniversarju mill-iffirmar tal-ġemellaġġ Mellieħa - Adenau**
**(K/1/5/Vol IV)**

5.4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 37 tal-19 ta' April 2022, meta ġie deċiż li għandhom jinbdew kuntatti mas-Società Filarmonica La Vittoria bil-għan li jiġi stabbilit jekk hijiex interessata li żżur Adenau fl-okkażjoni msemmija. Permezz ta' imejl datat 16 ta' Ġunju 2022, is-soċjetà wieġbet fl-affermattiv u talbet li ssir laqgħa mal-Kunsill ħalli jibdew it-tħejjijiet għaliha.

5.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ppropona li għandha tiġi esplorata l-possibiltà li jinkiseb finanzjament permezz ta' fondi Ewropej taħt is-Citizens, Equality, Rights and Values (CERV) Programme. L-applikazjonijiet jiftħu darbtejn f'sena, bil-waħda li jmiss tkun għall-ħabta ta' Awwissu / Settembru. F'dan l-istadju, important li l-Kunsill ta' Adenau jikkonferma li jrid jieħu sehem ukoll, ħalli ma jintilifx żmien bil-għan li t-talba tiġi pproċessata sa meta ħija ppjanata l-attività f'Settembru 2023.

5.4.4. Il-Viċi-Sindku J. Buttigieg ippropona li s-Sindku ta' Adenau – Arnold Hoffmann – jiġi mistieden jattendi l-attivitajiet ta' Milied Mellieħi u Jum il-Kunsill, sabiex jiġu diskussi aktar dettalji ta' din l-inizjattiva.

5.4.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 5.4.3. u 5.4.4. aktar 'il fuq.

### 5.5.1. Użu tas-Sala tal-Kunsill (K/1/3/Vol III)

5.5.2. Saret referenza għal imejl datat 16 ta' Ġunju 2022 mibgħuta minn operatur ta' skola taż-żfin, fejn intalab l-użu tal-faċilitajiet fis-Sala Joseph Borg fl-uffiċċju tal-Kunsill, bi ħlas sabiex isiru eżamijiet taż-żfin onlajn tal-London Academy of Music and Dramatic Art, fit-8 ta' Lulju 2022 bejn id-09:00 u l-16:15. Dan l-arranġament intalab peress li l-post minn fejn normalment jsiru dawn l-eżamijiet huwa kommess b'attività oħra.

5.5.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

### 5.6.1. Faċilitajiet għall-ipparkjar għar-residenti ta' Triq Ġorġ Borg Olivier (T/3/2/Vol XVI)

5.6.2. Saret referenza għal imejl datat 27 ta' Mejju 2022, mibgħut minn Onor. I. Castillo, fejn talb li jiġi kkunsidrat l-arranġament imsemmi hawn fuq.

5.6.3. Il-Kunsill innota li d-definizzjoni ta' "residenti" tinkludi wkoll ir-residenti kollha tal-Mellieħa u għaldaqstant l-għan tat-talba jista' ikun li ma jintlaħaqx. Ġie nnutat li kien hemm sentenza tal-Qorti f'dan ir-rigward, filwaqt li fil-ġejjieni qarib ser tiġi nstallata sistema ta' CCTV bil-għan li jkunu nfurżati r-restrizzjonijiet li diġa hemm fis-seħħ.

### 5.7.1. Tneħħija ta' *speed humps* minn Triq il-Vitorja (T/3/2/Vol XVI)

5.7.2. Saret referenza għal imejl datat 9 ta' Ġunju 2022, fejn resident talb li *speed humps* li kienu saru kantuniera ma' Triq il-Mitħna l-Qadima, jitneħħew minħabba nkonvenjent li dawn jikkawżaw bil-ħsejjes li jiġġeneraw.

5.7.3. Il-Kunsill osserva li l-i*speed humps* eżistenti saru minħabba li kien qed ikun hemm kolliżjonijiet persistenti fi Triq il-Vitorja kantuniera ma' Triq il-Mitħna l-Ġdida. Ġie deċiż li għandu jintbagħat kwestjonarju lir-residenti ta' Triq il-Vitorja fil-parti bejn Triq il-Bronja u Triq it-Tgħam.

### 5.8.1. Introduzzjoni ta' *speed humps* fi Triq l-Għaqda (T/3/2/Vol XVI)

5.8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li r-residenti tat-triq imsemmija qed itennu petizzjoni li kienu għamlu fis-16 ta' Awwissu 2021, fejn talbu li jsiru żewġ *speed humps*. Huma qalu li mhux l-ewwel darba li kien hemm qtates li nqatlu minn vetturi jinstaqu b'veloċità qawwija.

5.8.3. Ittieħed in konsiderazzjoni li t-triq tagħlaq, u l-aktar li jużawha huma l-istess residenti. Għadaqstant, il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jitwaħħlu żewġ tabelli li jindikaw il-preżenza tal-qtates.

**5.9.1. Introduzzjoni ta' *speed humps* fi Triq ix-Xagħra ta' Barra** **(T/3/2/Vol XVI)**

5.9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono irrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar is-suġġett t'hawn fuq u għarraf li ntbagħat kwestjonarju f'29 residenza fi Triq ix-Xagħra ta' Barra u r-riżultat tal-tweġibiet li saru kienu kif jidher hawn taħt:

| | Rispons | Mistoqsijiet |
|---|---|---|
| Iva | 4 | Inti taqbel li sewqan b'veloċita` eċċessiva fi Triq ix-Xagħra Ta' Barra jiġi kkontrollat permezz ta' *speed humps*? |
| Le | 5 | |

| | | |
|---|---|---|
| Iva | 4 | Jekk it-tweġiba tiegħek għall-mistoqsija Nru. 1 hija "iva", taqbel li jsiru *speed humps* fil-postijiet indikati fuq il-pjanta mehmuża? |
| Le | 0 | |

| | |
|---|---|
| 29 | Numru ta' kwestjonarji mqassma lir-residenti ta' Triq ix-Xagħra Ta' Barra |

5.9.3. Fid-dawl tal-tweġibiet mogħtija mir-residenti, il-Kunsill qabel li għandu jinżamm l-i*status quo*.

**5.10.1. Finanzjament ta' proġetti permezz tal-Miżuri taħt il-LEADER Programme (P/10/5)**

5.10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, għarraf li fl-20 ta' Ġunju 2022, huwa u l-Viċi-Sindku J. Buttigieg attendew seminar tal-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral, fejn ġew imnedija l-Miżuri li jaqgħa taħt il-programm LEADER li huma:

| | |
|---|---|
| Miżura 1 | Restawr ta' Beni ta' Valur Artistiku u Kulturali |
| Miżura 2 | Tisħiħ ta' Identità Kulturali Sana |
| Miżura 3 | Promozzjoni ta' l-Identity Kulturali |
| Miżura 4 | Żvilupp ta' Infrastruttura Ħadra |

5.10.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ippropona li ssir applikazzjoni taħt il-Miżura 2 sabiex isir titjib fis-Sala Joseph Borg fl-uffiċċju tal-Kunsill.

5.10.4. Il-Kunsill qabel li għandha titħejja stima u pjanta bil-għan li tiġi sottomessa talba fl-ewwel sejħa li ssir taħt il-programm imsemmi.

**5.11.1. Permessi għall-ikkampjar ġewwa l-Aħrax** **(C/4/Vol IV)**

5.11.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li fit-13 ta' Ġunju 2023 saret laqgħa dwar il-permessi għall-ikkampjar fit-tliet żoni tal-Aħrax. Għaliha attendew is-Sinjuri Lucas Micallef mill-Federazzjoni Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti, Frans Borg, Tonio Fenech, u Ben Bartolo, filwaqt li segwa b'mod virtwali s-Sindku D. Vella.

5.11.3. Ġie propost li l-post illi għaliħ jinħareġ permess għall-ikkampjar mill-Kunsill ikun indikat fuq pjanta sabiex il-Pulizija jkunu f'pożizzjoni aħjar li jinfurżaw.

5.11.3. Inġibdet l-attenzjoni wkoll li bil-preżenza kontinwa ta' nies fit-tliet żoni għall-ikkampjar, jeħtieġ li dawn jingħataw żmien biex jiġġeneraw, għaliex qed jinqerdu gradwalment. Għaldaqstant talbu li għandu jiġi sospiż il-ħruġ tal-permessi fiż-Żona Ċ, filwaqt li Żona B tiġi estiża lejn il-Ponta tal-Aħrax sabiex tagħmel tajjeb għall-ispażju li temporanjament jintilef.

5.11.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li t-tibdil fiż-Żona B mhuwiex konformi mal-*Byelaws* KLBL37.4.2020, apparti li l-estensjoni tinvolvi medda ta' art li tinsab biswit l-irdum illi huwa kkunsidrat perikoluż għat-tfal. Ittieħed in konsiderazzjoni li qrib l-istess żona hemm ukoll il-Proġett Garnija. Fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet, il-Kunsill kien tal-fehma li jkun jagħmel sens li din il-materja tiġi trattata mill-Bord tat-Tmexxija, meta dan jibda jiffunzjona skont il-ftehim li sar bejn il-Gvern u l-Federazzjoni Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti.

5.11.4. Il-Kunsill innota li attwalment għaddejjin proċeduri fil-Qorti bejn ir-Ramblers Association u l-Awtorità tal-Artijiet.

## 5.12.1. Sistema tal-*one-way* fi Triq Salvu Camilleri (T/3/2/Vol XVI)

5.12.2. Saret referenza għal imejl datat 20 ta' Ġunju 2022, fejn il-Mellieħa Scout Group tennew it-talba tagħhom sabiex jitħallew jgħaddu kontra d-direzzjoni tat-traffiku, vetturi kbar meta jkun meħtieġ li dawn jidħlu fil-kwartieri tagħhom fi Triq Salvu Camilleri.

5.12.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tiġi mistħarrġa l-possibiltà li tiġi modifikata Triq it-Tabib Joseph Grech Attard sabiex jiġi faċilitat l-aċċess minn Triq il-Fortizza.

## 5.13.1. PA 2255/18 - Proġett dwar l-estensjoni tal-Iskola Primarja (S/3/1/1)

5.13.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-applikazzjoni PA 2255/18 dwar sottomissjonijiet ġodda li saru mill-Fondazzjoni għall-Iskejjel T'Għada. Huwa qal li għandu jsir sforz ieħor mill-Kunsill Lokali sabiex ma tintilifx l-opportunità li l-parkeġġ abbinat ma' dan il-proġett jiġi wtilizzat sabiex jilqgħa d-domanda li dejjem qed tiżdied fil-qalba tal-Mellieħa. Huwa qal li l-istimi li saru ma kinux realistiċi u li ċertament setgħu ħarġu inqas.

5.13.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li dan il-fattur inġieb għall-attenzjoni tal-Ministeri responsabbli mill-Edukazzjoni, kif ukoll dak tal-Infrastruttura. Dan sar hekk kif tħabbar il-proġett fl-2017, iżda r-rispons minn naħa tagħhom kien li jillimitawħ għall-istaff tal-iskola, minħabba l-ispejjeż involuti, b'ħames livelli b'mina pedonali li tiżbokka fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Huwa fakkar ukoll li oriġinarjament l-Fondazzjoni kienet kontra li jsir parkeġġ taħt skola għal-raġunijiet ta' sigurtà, iżda wara kuntatti li kienu saru mill-Kunsill, din l-pożizzjoni kienet inbidlet. Minkejja dan, huwa jara li għallinqas l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsidraw iż-żieda ta' livell jew tnejn oħra mat-tnejn indikati fl-applikazzjoni. Qal ukoll li din il-faċilità, kemm-il darba tkun estiża għall-pubbliku, għandha tiffaċilità l-introduzzjoni ta' żoni pedonali fil-parti l-antika tal-Mellieħa.

5.13.4. Kien hemm qbil li għandha ssir rappreżentazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar f'dan is-sens.

## 5.14.1. Tindif fiċ-Ċimiterju Sultana tal-Vittorji (C/7)

5.14.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għall-kummenti li saru fuq il-media soċjali fejn ingħatat l-impressjoni li t-tindif u manutenzjoni taċ-ċimiterju msemmi huma responsabiltà tal-Kunsill Lokali. Huwa spjega li dan mhux il-każ għar-raġuni li d-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali qabbad kuntrattur sabiex jagħti dan is-servizz. Sfortunatament, jiġri li l-operatur l-istabbiliment li jinsab biswit iċ-ċimiterju minn żmien għal żmien japplika l-pestiċida u ma jgħarrafx lill-kuntrattur konċernat.

5.14.3. Fid-dawl tal-ilmenti u l-kummenti li dehru fil-media soċjali, il-Kunsill qabel li għandha tingħata kjarika pubblika li t-tindif u l-manutenzjoni taż-żewġ ċimiterji fil-Mellieħa hija responsabiltà tad-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali fi ħdan id-Dipartiment tar-Regolamentazzjoni tas-Saħħa Pubblika, u mhux tal-Kunsill Lokali. Minkejja dan, għall-benefiċċju ta' persuni li għandhom qraba midfuna fl-istess ċimiterji, il-Kunsill qed jagħmel

tajjeb sabiex l-istess ċimiterji jinfetħu mit-Tnejn sal-Ħadd mit-8:00am sal-5:00pm, bejn Ottubru u Mejju, u mit-8:00am sas-7:00pm fil-bqija tas-sena.

**5.15.1. Bidla ta' kunsillieri b'riżultat tal-Elezzjoni Ġenerali u l-*Bye-Election* tal-Kunsilli Lokali (K/1/6/Vol IV)**

5.15.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg laqa' lis-Sur Joseph Gauci għall-ewwel seduta tiegħu fit-Tmien Kunsill, wara li ġie elett fil-*bye-election* li seħħet fl-24 ta' Mejju 2022. Din l-elezzjoni saret wara li l-ex-Kunsillier I. Castillo ħa il-ġurament tal-ħatra bħala membru tal-Kamra tad-Deputati fis-7 ta' Mejju 2022.

5.15.3. Is-Sur J. Buttigieg ppropona li għandha tintbagħat nota ta' apprezzament għall-kontribut tal-ex-Kunsillier I. Castillo tul il-perjodu li huwa serva bħala Kunsillier, tul il-perjodu li serva f'din il-kariġa. Intqal li minkejja l-ħatra l-ġdida tal-Onor. I. Castillo, huwa jara li għandu jibqa' jirrenja spirtu ta' kollaborazzjoni li minnu għandha tibbenefika l-lokalità.

5.15.4. Il-Kunsill ingħaqad mal-ħsieb tal-Viċi Sindku.

**5.16.1. PA 9876/19; PA 1948/20 – Żvilupp mill-ġdid tal-Mellieħa Bay Hotel (P/5/8/G)**

5.16.1. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg irrefera għal laqgħa virtwali li huwa attenda flimkien mal-Kunsillier K. Buttigieg u mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fil-31 ta' Mejju 2022, fejn għan-naħa tal-MBH kien hemm is-Sinjuri Brian Mizzi u Victor Pollocco. Fl-istess laqgħa ġie spjegat li l-pjanti tal-lukanda ġew modifikati b'tali mod li:

- In-numru tal-kmamar tniżżel minn 420 għal 359;
- L-area tal-livell terran tniżżlet minn 6,000 għal 4,000 metru kwadru, u hekk żdied il-*landscaping*;
- L-għoli tal-binja komplessiva mhux ser jaqbez il-livell tal-għolja li hemm fuq wara;
- Id-dehra tal-binja minn naħa tat-telgħa tal-Aħrax ġiet imtejba billi ser titbaxxa biżżejjed sabiex ma tispikkax daqstant;
- Taħt l-area fejn ġejja l-pixxina ser ikun numru ta' kmamar għar-residenti;
- L-iżviluppatur ser jagħmel tajjeb għar-restawr tat-Trunċiera ta' Qassisu;
- L-ispazzju għall-ipparkjar, kemm fit-triq, kif ukoll dak li ser jiġi pprovdut taħt l-art ser ikun jissupera l-limitu stabbilit għal żvilupp ta' din ix-xorta;
- Minħabba s-sejba ta' fdalijiet storiċi l-forma tat-triq interna kellha tinbidel minn kif kienet imfassla oriġinarjament; u
- Tneħħa l-ħajt li kien ser joħloq impatt viżwali biswit xatt-il baħar, fuq in-naħa tax-xelluġ tal-lukanda, li ġie eliminat, billi l-*landscaping* issa ser isegwi l-kontorni tal-art.

5.16.2. Is-Sur J. Buttigieg kompla jispjega li x-xogħol ser isir f'fażi waħda u mistenni li jintemm fl-2026. It-triq ta' wara ser tkun magħluqa għal raġunijiet ta' saħħa u siġurtà, filwaqt xatt-il baħar ser jibqa' aċċessibbli tul is-sit kollu.

5.16.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini staqsiet dwar jekk ingħatax tagħrif fuq kif ser jinġarr it-terrapien minn fuq is-sit tal-kostruzzjoni.

5.16.4. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa dwar jekk l-Awtorità tal-Ippjanar hijiex ser timponi *planning contribution* fuq l-iżviluppatur.

5.16.4. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-mistoqsijiet skont il-minuti 5.16.3. u 5.16.4. ma ġew trattati fil-laqgħa li saret, u wisq probabbli ser jiġu trattati aktar 'il quddiem.

5.16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.17.1. Jum il-Missier** **(A/5/3/Vol XIII)**

5.17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li nhar il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju 2022 tqassmu *muffins* lill-anzjani residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa u oħrajn li jiffrekwentaw ċ-Ċentru Anzjanità Attiva fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier li l-ġurnata proprja tiegħu kienet il-Ħadd 19 ta' Ġunju.

5.17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.18.1. Sessjoni tal-litteriżmu – Aqra Miegħi** **(E/3/1/14)**

5.18.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li s-sessjonijiet imsemmija huma ntiżi għat-tfal sa tliet snin u ser jibdew fis-Sala Joseph Borg fl-Uffiċċju tal-Kunsill fil-25 ta' Ġunju 2022 filgħodu. Hija fakkret li dawn qed isir bil-kollaborazzjoni tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Litteriżmu

5.18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.19.1. Sessjonijiet dwar il-gardinaġġ** **(E/3/1/Vol IV)**

5.19.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl mibgħut fit-2 ta' Ġunju 2022 mir-Reġjun Tramuntana, fejn ingħad li r-Reġjun ser ikun qed jiffinanzja sessjonijiet dwar il-ġardinaġġ bejn Lulju u Novembru 2022. Hija qalet li ntwera nteress dwar din l-inizjattiva sabiex isiru sessjonijiet lejn Ottubru.

5.19.3. Il-Kunsill qabel mal-azzjoni li ttieħdet.

**5.20.1. Parteċipazzjoni fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2022** **(F/5)**

5.20.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb ser issir, bejn it-23 u s-27 ta' Novembru 2022.

5.20.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jipparteċipa bil-pubblikazzjonijiet tiegħu. Kien hemm qbil li l-i*stand* għandu jkun iktar attrajenti permezz ta' *monitor* u/jew viżwali oħra.

**5.21.1. Sessjonijiet *"Bricks 4 Kidz"*** **(E/3/1/14)**

5.21.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini għarrfet li l-Kunsill ġie offrut sabiex jorganizza sessjonijiet ta' tagħlim immirati lejn l-iżvilupp personali tat-tfal waqt ix-xhur tas-sajf. Dawn huma maħsuba sabiex it-tfal jieħdu pjaċir waqt li jkunu qed jitgħallmu.

5.21.3. Il-Kunsill qabel li għandu jinkiseb aktar tagħrif dwar is-sessjonijiet imsemmija.

**5.20.1. Aċċess għall-internet fil-Librerija Pubblika** **(L/4/Vol III)**

5.20.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li s-servizz tal-internet li kien hemm fil-liberija tneħħa xhur ilu u ma reġax ġie restitwit mill-ġdid.

5.20.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li huwa ndaġa ma' TechMT dwar dan tramite d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, iżda xorta waħda ma ġiex stabbilit minn ħa d-deċiżjoni biex jinqata s-servizz. Huwa qal li ser jara kif dan jista' jerġa jiġi nstallat bit-tagħmir li hemm fuq il-post.

**5.20.1. Piżijiet staġġjonali li jaffaċċja l-Kunsill** **(K/1/8/Vol III)**

5.20.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li x-xhur tas-sajf iġibu magħhom piżijiet ikbar fuq it-tmexxija tal-Kunsill minħabba l-influss ta' nies tal-vileġġjatura u t-turiżmu. Dan ifisser ukoll iktar ħruġ ta' permessi, volum akbar fil-ġbir tal-iskart f'postijiet urbani u rurali, domanda għar-rimi ta' skart goff, tiswijiet ta' natura ġenerali, eċċ. Għaldaqstant hija pproponiet li għandha ssir pressjoni fuq ir-Reġjun Tramuntana u l-Gvern Ċentali sabiex jgħin lill-Kunsilli affettwati b'aktar riżorsi.

5.20.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li l-akbar ħtieġa għall-għajnuna hija fejn jidħol tiswijiet u manutenzjoni. Il-*ħaddiema tal-Community Works Scheme* minn erba' niżlu għal tnejn u mhemmx possibilta' li jintbagħtu oħrajn minflokom. Huwa qal li jsir xogħol ta' dan it-tip minn ħaddiema tal-Foundation for Tourism Zone Development (FTZD) u tindif mill-ħaddiema tad-Dipartiment tat-Tindif u l-Manutenzjoni (CMD) f'postijiet li mhux koperti bil-kuntratti tal-Kunsill. Kompla jgħid li fejn hemm kuntrattur imqabbad mill-Kunsill m'għandux jiddaħħal is-CMD, peress li l-istess kuntratturi kienu jafu għaliex deħlin meta tefgħu l-offerta tagħhom. It-tibdil li ġab l-influss imsemmi żdied gradwalment u ma ġarax f'daqqa.

5.20.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg stqarr li huwa jaqbel perfettament li kuntratturi privati mqabbda mill-Kunsill m'għandhomx jikkonċidu mas-CMD. Kompla jgħid li ser jiddiskuti mal-Kunsill Reġjonali dwar jekk huwiex possibbli li ħaddiema tas-CWS li jista' għandu ir-Reġjun jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-Kunsilli l-aktar affettwati bid-domanda staġġjonali. Irrakkomanda wkoll li matul ix-xhur tas-sajf, il-ġbir tal-iskart ġoff isir nhar ta' Erbgħa flimkien mas-Sibt, sabiex ilaħħqu mad-domanda fiż-żoni Tas-Sellum, Ta' Ġerbulin, il-*Caravan Site* tal-Għadira, Ramlet il-Qortin, l-Armier, l-Armier iż-Żgħir, u r-Ramla tat-Torri l-Abjad.

5.20.5. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li ż-żiedet li jkun hemm fid-domanda għall-ġbir ta' skart goff, mhux neċessarjment tkun f'nofs is-sajf, u għalhekk issuġġerixxa li tinġabar statistika qabel tittieħed deċiżjoni dwar modifiki li jkunu fis-servizz.

**5.21.1. Tibdil fil-parrokat tal-Manikata** **(A/5/3/1/Vol XVII)**

5.21.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna li r-Rev. Dennis Schembri ser itemm il-parrokat tiegħu fil-Manikata, peress li b'effett minn Settembru ser ikun qed iservi bħala kappillan fil-Parroċċa ta' Stella Maris f'Tas-Sliema. Il-kappillan il-ġdid tal-Manikata ser ikun ir-Rev. Peter Paul Sultana. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-Rev. D. Schembri bħala apprezzament għall-ħidma tiegħu fil-Manikata, liema apprezzament għandu jiġi kkonfermat uffiċċjalment f'Jum il-Kunsill.

5.21.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 5.21.2.

**5.22.1. Ħannieqa Kotba Melleħin** **(P/3/5)**

5.22.2. Saret referenza għal ittra mibgħuta mis-Sur Joseph Cachia, datata 14 ta' Mejju 2022 dwar ġabra ta' kitbiet tiegħu fuq aspetti differenti tal-Mellieħa ta' dari, fejn intalbet l-għajnuna tal-Kunsill sabiex dawn jiġu stampati fi ktieb u ppubblikati.

5.22.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jkollu kopja tax-xogħlijiet li is-Sur Cachia talab li jippubblika.

**5.23.1. Ħruġ ta' ċitazzjonijiet fl-Għadira u fi Triq Ġorġ Borg Olivier** **(T/3/3/Vol IV)**

5.23.2. Il-Kunsillier G. Micallef aċċenna li l-Uffiċjali tal-Komunità qed jagħtu ċitazzjonijiet fi Triq il-Marfa, fil-parti li tinsab biswit ir-Riżerva tal-Għadira. Dan qed isir fin-nuqqas ta' tabelli u sinjali tat-traffiku fuq il-post. Huwa appella li dan jieqaf sakemm ir-restrizzjonijiet ma jiġux indikati b'mod ċar.

5.23.3. Il-Kunsillier E. Bartolo lmenta li l-Uffiċjali tal-Komunità qed jagħmlu r-ronda fi Triq Ġorġ Borg Olivier wara s-6:00pm biex jiċċekkjaw l-arloġġi meta l-ħin li s-sewwieqa jridu juru dan jiskadi fis-6:30pm.

5.23.4. Ittieħdet nota tal-punti mqajma sabiex jinġiebu għall-attenzjoni tal-LESA.

**6.1. L-Istqarrijiet Finanzjarji wara l-verifika u l-Ittra ta' Direzzjoni għas-Sena Finanzjarja 2021** **(F/1/2/Vol IX)**

6.2. Din il-materja ġiet posposta għas-seduta li jmiss peress l-udituri kienu għadhom ma ppreżentawx l-aġġustamenti tal-istqarrijiet finanzji wara li saret il-verifika. L-ittra ta' direzzjoni *(management letter)* ma ġietx mressqa lanqas għall-istess raġuni.

6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**7.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin** **(A/5/3/5/Vol V)**

7.1. Is-Sur J. Buttigieg għarraf li l-kordinazzjoni ta' dan l-avveniment qed issir mis-Sindku D. Vella, minnu bħala Viċi-Sindku, il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono u l-uffiċjali tal-Kunsill P. Caruana u M. De Bono. Saru tliet laqgħat biex ittieħdu ċerti deċiżjonijiet.

7.2. L-uffiċjal P. Caruana ressqet abbozz tal-programm segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġimgħa 29 ta' Lulju | Misraħ il-Parroċċa | • DJ Joy;<br>• Tribute Band Cold & Play. |
| | Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II | • Serata ta' għana u makkjetti minn diversi għannejja popolari |
| Is-Sibt 30 ta' Lulju | Misraħ il-Parroċċa | • TamaraVella u grupp ta' żeffiena;<br>• Grupp taż żeffiena – Artemocion;<br>• JAMM Band & Friends bil-parteċipazzjoni tal-kantanti Thea, Ishmael u Drakard u Lisa Gauci;<br>• Barbecue organizzat mill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina;<br>• Armar ta' diversi *stands* |
| | Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II | • Sand crafts;<br>• Bouncy Castle;<br>• Mascots ta' diversi karattri tat-tfal;<br>• Disney Parade li tgħaddi minn Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, Triq l-Inkurunazzjoni, Triq Salvinu Vella; u Misraħ il-Parroċċa;<br>• Alfred The Magician. |
| | Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa | • Kunċerti mill-korijiet tas-Società Filarmonica La Vittoria; tal-Għaqda Mużikali Imperial; u tas-Santwarju;<br>• Diversi artisti jesibixxu x-xogħol tagħhom. |
| Il-Ħadd 31 ta' Lulju | Misraħ il-Parroċċa | • String Palace Orchestra bil-parecipazzjoni ta' Megan Caruana, Gaia Cauchi, Neville Refalo u Keith Zammit Mintoff; |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Armar ta' diversi *stands;* |
| | Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II | • Sand Crafts;<br>• Bouncy Castle;<br>• Mascots ta' diversi karattri għat-tfal;<br>• Alfred the Magician. |

7.3. Ingħatat ħarsa lejn l-istima tal-ispejjeż li tkopri l-armar tal-palk, dwal u audio, spettakolu, preżentaturi, pubbliċità, u servizzi anċillari, fejn l-ispejjeż telgħu laħqu €43,850, li €26,000 minnhom ser jiġu rkuprati minn skemi tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, tar-Reġjun Tramuntana, u *sponsorship*.

7.4. Il-Kunsill dehrlu li l-ispiża li tlaħħaq €5,000 fuq il-pubbliċità għandha tiġi eliminata peress li tista' tintuża il-media soċjali tal-Kunsill u jsir *sharing* tal-informazzjoni li tittellgħa, flimkien ma stampar ta' materjal li jitqassam mal-magazin "Mill-Qiegħa" u fuljetti li jitqassmu fil-ħwienet, kif ukoll lit-tfal tal-iskola.

7.5. Kien hemm qbil wkoll li Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier għandhom jitħallew miftuħin peress li ma nstabx materjal biżżejjed sabiex jiġi okkupat dan l-ispażju, minħabba attivajiet oħra li ser ikunu għaddejjin f'lokalitajiet oħra. Għall-istess raġuni, il-Kunsill dehrlu li Triq Adenau għandha titħalla miftuħa.

**8.1. Sejħa għall-offerti MLC 4/2022 – Xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-*multi-purpose court* fil-Park tal-Familja** **(P/4/6/Vol VI)**

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li s-sejħa għalqet fl-20 ta' Ġunju 2022 u kien hemm l-offerta segwenti:

| Offerent | Prezz eskluża l-VAT |
|---|---|
| Aretrop Ltd | €128,385.70 |

8.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir evalwazzjoni minn kumitat magħmul mis-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, u l-Kunsillier E. Bartolo, wara li dawn iddikjaraw l-impartjalità tagħhom.

**9.1. Twaqqif tal-bust ta' Jimmy Muscat** **(M/9)**

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li x-xogħol tal-artist Stefan Priehyba mill-MCAST kien wasal fi stadju avvanzat ħafna fl-abbozzar tal-bust. Ix-xogħol fuqu kien qed jiġi segwit mill-familjari tas-Sur Jimmy Muscat sabiex jiġi żgurat li jkun hemm rassomiljanza mas-suġġett meta kien għadu ħaj. Huwa qal li l-pass illi jmiss huwa li ssir sejħa għall-offerti li tkun kopri l-pedestal, l-iskrizzjoni, u l-bust tal-bronż.

9.3. Il-Kunsill awtorizza l-ħruġ tas-sejħa.

**10.1. Konklużjoni tal-proġett *Young Achievers*** **(Z/1/Vol II)**

10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna li f'Awwissu 2020 il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Governanza kien avvanza €1,500 taħt l-iskema msemmija bħala nofs l-għotja approvata. L-inizjattiva kienet tinvolvi xiri ta' tagħmir sportiv, attivitajiet sportivi, kif ukoll taħditiet liż-żgħażagħ u l-ġenituri. Huwa ġibed l-attenzjoni li dan il-proġett jeħtieġ li jiġi konkluż minħabba li għadda ħafna żmien minn meta beda x-xogħol fuqu.

10.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg aċċenna li t-tagħmir inxtara, iżda l-*fun games* li kellhom isiru bil-parteċipazzjoni tal-Mellieħa Football School, in-timijiet tan-Netball u l-Basketball, baqgħu ma' sarux. L-attività ewlenija kellha ssir fil-Ground Ta' Pennellu nhar il-Ħadd 28 ta' Novembru 2021. Għaliha ġew mistiedna jattendu il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza l-Onor. E. Zammit Lewis, u l-Ministru għall-Ugwaljanza, Riċerka u Innovazzjoni, l-Onor. O.

Bonnici. Is-Sur K. Buttigieg qal ukoll li kien hemm kuntatti mas-SEDQA sabiex jintrama *stand* dwar l-ħidma tal-istess aġenzija fost iż-żgħażagħ. Huwa spjega li din l-attività tħasset minħabba l-maltemp. Sussegwentement il-Kunsill kien prekluż mill-jkompli bl-inizjattivi l-oħra minħabba r-restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija.

10.4. Il-Kunsill qabel li għandha tingħata spjegazzjoni lill-Ministeru responsabbli bil-għan li tiġi konkluża l-proċedura amministrattiva.

## 11.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

11.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 17 ta' Ġunju 2022.

11.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

11.4. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn id-9 ta' Mejju u t-3 ta' Ġunju 2022.

11.5. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn il-21 ta' Mejju u s-17 ta' Ġunju 2022.

11.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-Kunsillieri kollha, is-seduta spiċċat fl-10:15pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 18 ta' Lulju 2022 fis-6:00 pm.

John Buttigieg
**Viċi Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**